# Beati u Qaddisin...Diċembru

SANTA BARBARA   4 TA' DICEMBRU



Dioscorus kien missier Santa Barbara u billi ried li jipprotegiha minhabba s-sbuhija taghha kien izommha mwarrba f'kastell lussuz li bena' apposta ghal dan l-iskop. F'din is-solitudni sfuzata din it-tfajla bdiet tistudja r-religjon u malajr indunat li l-paganezmu ma kienx hlief sensiela ta' vizzji u assuridtajiet.

Gharfet bil-mohh semplici taghha li seta' jkun hemm biss Alla wiehed, Hallieq ta' kollox u ta' kulhadd u li dan il-Hallieq kellu d-dritt li jkun adorat mill-hlejjaq tieghu ragunevoli.

Fuq talba taghha, Origene l-imghallem imheggeg ghal Kristu baghtilha dixxiplu jismu Valentinjanu, li ghallimha u ghammidha.  Hija kienet l-gharusa wahdanija ta' Gesu' u hekk riedt tibqa' sa l-ahhar nifs ta' hajjitha.  Hija xtaqet tghaddi din il-gawhra tal-fidi lil missierha izda ma tantx kellha tama li dan kien ser jisma'.

Meta lahqet l-eta' taz-zwieg hafna kienu l-guvintur li talbu lil missierha biex jizzewguha, izda hija rrifjutat u qalet lil missierha li hija xtaqet li tkun il-konsolazzjoni tieghu sa ma jmut.

Meta jum wiehed missierha rritorna lura fil-palazz sab l-idoli mfarrka u sahan bis-shih. Huwa nduna li bintu saret nisranija u intela' kollu qilla kontriha.  Hija rnexxilha tahrab u ghexet ghal xi zmien gewwa ghar fejn inhbiet billi quddiemu kien hemm xi sigar. Xi rghajja mbezzgha mit-theddid ta' missierha u li kienu jafu bil-mohba taghha kixfuha.

Missierha xlieha lil awtorita pagana u darbtejn ittorturawha u fl-ahhar hasdulha rasha. Missierha, ragel bla qalb, talab li jkun hu li jaghtiha l-ahhar daqqa, izda sajjetta laqghtet lil missierha u lill-prefett. Huma mietu instantanjament.

Hija msejha biex thares lin-nies minn mewta ghal gharrieda u tisma' it-talb ta' dawk li jitolbu biex ma jmutux minghajr sagramenti.